**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju, 2017**

**Talba Nru: 501/2016PA**

**Sammut Anthony ghan-nom ta' ACK Ltd**

**VS**

**Bezzina Carmelo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 ta' Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' seba' mija u wieħed u għoxrin Ewro (€721) għal servizz ta' akkomodazzjoni u spejjeż oħra ta' affarijiet mixtrija fiż-żmien li Patrina Bezzina għamlet rikoverata f'Marina Palace Home, Msida, fil-perjodu mit-13 ta' Mejju 2016 sal-11 ta' Ġunju 2016, f'liema perjodu hija telqet mill-Home imsemmija mingħajr ma tat avviż tat-tluq, bir-riżultat li l-kamra tagħha baqgħet vakanti tistennieha, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Lulju 2016 u tad-9 ta' Awissu 2016, u bl-imgħax mid-data tal-Avviż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fil-25 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jridu jġibu prova tar-relazzjoni tagħhom

mal-intimat; (ii) fit-tieni lok, Petrina Bezzina ma kinitx tirrisjedi f'Marina Palace Home, l-Imsida, fil-perjodu indikat fit-Talba, u dan għaliex fit-22 ta' April 2016, ħabta u sabta, hija kellha tħalli l-istess residenza minħabba emerġenza medika, tant illi sal-ġurnata tallum, għadha rikoverata fl-isptar Karen Grech. Dan il-ħruġ mir-residenza seħħ bla mistenni, minħabba esiġenzi urġenti ta' saħħa, kontra r-rieda tagħha u ċertament għalhekk mhux b'xi għażla kapriċċjuza; (iii) fit-tielet lok, dawn iċ-ċirkostanzi kkonstrinġew lil Petrina Bezzina biex bla mistenni, tinħareġ mir-residenza, minkejja li kienet ġa ħallset minn qabel biex tuża r-residenza sat-12 ta' Mejju 2016; u (iv) fir-raba' lok, l-ammont mitlub huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, anke mħarsa l-prinċipji tal-ekwita' u l-ġustizzja.

Sema' x-xiehda ta' **Anthony Sammut**, direttur tas-soċjeta` attriċi, li fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2017 (fol.11 *et seq*.) qal li l-istess soċjeta` tmexxi dar tal-anzjani fl-Imsida Seafront, jisimha Marina Palace Home. Qal li Petrina Bezzina kienet rikoverata f'din id-Dar, u kien irranġalha kollox il-konvenut, li jiġi ħuha. Petrina Bezzina għamlet żmien rikoverata f'din id-Dar fis-sena 2016. Il-ħlasijiet kien jagħmilhom il-konvenut, u s-soċjeta` attriċi kienet tikkomunika miegħu dwar appuntament u bżonnijiet ta' Petrina Bezzina. Petrina Bezzina kellha fuq 80 sena.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk is-soċjeta` attriċi tagħmilx kuntratt bil-miktub ma' min jikkuntratta s-servizz magħha dwar kura għal anzjan, Anthony Sammut wieġeb li ma jiġix iffirmat kuntratt, pero` s-soċjeta` attriċi żżomm in-noti, u fuq ir-riċevuti tirreġistra li jekk ikunu jridu jtemmu l-kuntratt, iridu jagħtu lis-soċjeta` attriċi avviż ta' 30 jum.

Qal li Petrina Bezzina kienet rikoverata fil-kamra 303. Huwa ppreżenta fattura għal €100 datata 2 ta' Marzu 2016 maħruġa lill-konvenut 'c/o Katrina Bezzina' (Dok.'CB1'), u tlett fatturi oħra (Dok.'CB2' sa 'CB4', fol.16 sa 18), tnejn minnhom imħallsin, u oħra mertu ta' din il-kawża. It-tlett fatturi huma maħruġa fuq *'Mrs Patrina Bezzina'*. Fuq dawn l-aħħar tlett fatturi hemm indikat *'Please note that in order to terminate your stay you must inform us by at least 30 days in advance'*.

Anthony Sammut xehed li fit-22 ta' April 2016, Patrina Bezzina ħaduha l-isptar u ma rritornatx fid-Dar tal-Anzjani. Qal li meta għalaq iż-żmien li kellha mħallas, huwa ċempel lill-konvenut u staqsieh x'ġara minn oħtu, u dan infurmaw li oħtu ma kinetx ser terġa' lura l-isptar. Għalhekk ix-xhud talbu jħallas tal-aħħar xahar, u l-ispejjeż li kien hemm dovuti minn qabel, u l-konvenut qallu li kien ser imur ikellmu. Sussegwentement, il-konvenut mar ikellmu, pero` ma ħallas xejn. Ix-xhud ippreżenta wkoll żewġ ittri legali datati rispettivament 25 ta' Lulju 2016 u 9 ta' Awissu 2016 (ara fol.19 sa 20), li permezz tagħhom is-soċjeta` attriċi interpellat lill-konvenut iħallas l-ammont mitlub b'din il-kawża. Il-konvenut pero` rrifjuta li jħallas, billi Petrina Bezzina ma kinetx fid-Dar tal-Anzjani.

In kontro-eżami, Anthony Sammut qal li d-depożitu ta' €100 li s- soċjeta` attriċi tirċievi għar-rikoveru ta' anzjan fid-Dar immexxija minnha jitnaqqas mill-ewwel miżata dovuta. Skond hu hekk sar f'dan il-każ. Ikkonferma bħala tiegħu l-firma li tidher fuq il-fatturi eżibiti. Qal li l-miżata ta' tletin jum akkomodazzjoni fid-Dar hija €700. Ikkonferma wkoll li s-soċjeta` attriċi tħallset tal-akkomodazzjoni għas-sinjura Bezzina sat-12 ta' Mejju 2016. Pero` insista li lis-soċjeta` attriċi ħadd ma avżaha li ma kinetx sejra lura.

Sema' x-xiehda ta' **Tea Cekic**, li fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017 iddikjarat bil-lingwa Ingliża li hija infermiera, u li ilha taħdem fil-Marina Palace Home, l-Imsida, mill-2010. Dwar Petrina Bezzina, hija xehdet li din irrisjediet għal żmien qasir fid-dar. Kienet fil-*wheelchair,* u kienet dipendenti għal kollox fuq il-kura provduta fid-Dar. Qalet li ma kienx faċli tikkomunika ma' din il-pazjenta billi kellha diffikultajiet biex tikkomunika. Hija ppreżentat kopja tad-dokumentazzjoni medika ta' Petrina Bezzina (fol.24-49) li l-konvenut, li għarfet bħala hu Petrina Bezzina, kien għadda lis-soċjeta` attriċi. Dwar il-proċedura għall-ħlas tal-ispejjeż mediċi (viżti tat-tabib u xiri tal-mediċini), ix-xhud spjegat li jekk ma jkunux preżenti l-qraba, il-kont jitħallas mid-Dar, u jiġi mgħoddi lill-amministrazzjoni biex jiġi inkluż fil-miżata mitluba mingħand il-pazjent. Hekk ġara fil-każ ta' mediċini li kienu xtraw għal Patrina Bezzina, u anke fir-rigward tal-viżta tat-tabib Paul Mangion.

Sema' x-xiehda tal-konvenut **Carmelo Bezzina** li, fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2017, iddikjara li hu jiġi hu Petrina Bezzina, li għamlet żmien toqgħod fil-Marina Palace Home, l-Imsida. Qal li kien imur jaraha kuljum. Qal ukoll li fit-22 ta' April 2016, kien mar jaraha u sabha ma tiflahx, u talab lil min kien hemm mal-bieb biex iċempel għall-ambulanza. Dan qallu li riedu karta ta' tabib, u bagħtuh fi spiżerija viċin biex iġibha. Meta mar, sab li t-tabib kien telaq, pero` nsista li oħtu kellha bżonn tmur l-isptar, minħabba li kienet mitluqa u serja. Imbagħad mid-Dar ċemplu fil-*polyclinic* tal-Furjana biex imur jaraha t-tabib, u ċemplu wkoll għall-ambulanza. Kollox ġara għall-ħabta tas-6pm. Ġew it-tabib u l-ambulanza, u ħaduha l-Emerġenza tal-isptar Mater Dei. Lix-xhud qalulu li lil oħtu kienu ser iżommuha, u filfatt baqgħet rikoverata l-isptar sas-6 ta' Mejju 2016, minn fejn imbagħad bagħtuha fl-isptar Karen Grech għal aktar kura.

Il-konvenut ippreżenta żewġ ċertifikati redatti mit-tabib Dr. Peter Ferry (fol.54 sa 55) biex jikkonferma l-kundizzjoni ta' oħtu, u r-rikoveru tagħha fiż-żewż sptarijiet imsemmija.

Il-konvenut kompla jgħid li, fis-6 ta' Mejju 2016, huwa u qarib ieħor ta' Petrina Bezzina kienu tkellmu mal-attur Anthony Sammut u nfurmawh li kienu marru jiġbru l-affarijiet tal-pazjenta minħabba li ma kinetx ser terġa' lura fid-Dar tal-Anzjani. Skond il-konvenut, Anthony Sammut ma wieġeb xejn. Qal li hu qatt ma ffirma xejn mas-soċjeta` attriċi, u li kien ħallas depożitu ta' €100 biex daħħal lil oħtu fid-Dar immexxija mis-soċjeta` attriċi.

In kontro-eżami, il-konvenut iddikjara li ma kienx jaf li ried jagħti avviż ta' 30 jum qabel joħroġ lil oħtu mid-Dar tal-Anzjani, u ammetta li ma kienx qara dak li kien hemm miktub fil-fatturi maħruġa mis- soċjeta` attriċi. Insista pero` li meta tahom l-avviż, kien għadu għaddej il-perjodu li Petrina Bezzina kellha mħallas biex tirrisjedi fid-Dar. L-intenzjoni tiegħu ma kinetx li joħroġ lil oħtu minn hemm. Il-konvenut ma ftakarx li Anthony Sammut kien qallu b'dan meta daħħal lil oħtu fil-Marina Palace Home. Il-konvenut ma kienx f'qagħda jikkonferma li s-sodda ta' oħtu baqgħet vojta għal xahar, għaliex kienu qed jistennewha terġa' lura, pero` ddikjara li meta mar jiġbor l-affarijiet

tagħha, u nforma lil Anthony Sammut li din ma kinetx ser terġa' lura fid-Dar, fis-sodda ġa okkupata minn oħtu ma kien hemm ħadd ieħor.

In ri-eżami, il-konvenut iddikjara li mar jiġbor l-affarijiet ta' oħtu mid-Dar wara s-6 ta' Mejju 2016, pero` qabel l-14 ta' Mejju 2016, sa meta kellha mħallas biex tirrisjedi hemmhekk.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tipprosegwi kontra l-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' seba' mija u wieħed u għoxrin Ewro (€721) rappreżentanti kwantu għal €700 prezz ta' akkomodazzjoni għal Petrina Bezzina, oħt il-konvenut, fil-Marina Palace Home għal 30 jum bejn it-13 ta' Mejju 2016 u l-11 ta' Ġunju 2016, €15 miżata ta' viżta mit-tabib fid-19 ta' April 2016 lill-istess Petrina Bezzina, u l-bilanċ ta' €6 prezz ta' mediċini mogħtija lilha fl-istess żmien.

Is-soċjeta` attriċi tinsisti li hija kellha kuntratt mal-konvenut biex tipprovdi servizz ta' akkomodazzjoni, u kura medika, lil oħtu Petrina Bezzina, bil-kundizzjoni li l-konvenut jagħtiha 30 jum avviż qabel jittermina dan il-kuntratt.

Il-konvenut iddefenda ruhu kontra din it-talba fuq diversi binarji – fl-ewwel lok, huwa jgħid li qatt ma daħal f'relazzjoni kuntrattwali tas-soċjeta` attriċi; fit-tieni lok, jgħid li Petrina Bezzina telqet mill-Marina Palace Home qabel it-13 ta' Mejju 2016 u ma rrisjedietx hemmhekk fiż-żmien li tiegħu qed jintalab il-ħlas, għaliex kienet kostretta tiddaħħal l-isptar b'emerġenza, u mbagħad intbagħtet għal kura band'oħra; u fit-tielet lok, l-ammont mitlub mhux dovut, skond il-prinċipji tal-ekwita' u l-ġustizzja.

Kwantu għall-ewwel difiża tal-konvenut li mhux leġittimu kuntradittur għat-talba tagħha għaliex qatt ma kellu relazzjoni magħha dwar dan is-servizz ta' kura u akkomodazzjoni mogħti lil oħtu Petrina Bezzina, irriżulta ċar mill-provi li kien il-konvenut li ha l-iniżjattiva biex inkariga lis-soċjeta` attriċi tipprovdi dan is-servizz lil oħtu. Huwa minnu li hemm distinzjoni bejn l-inizjattiva u l-kuntrattazzjoni innifisha, pero` l-konvenut ma ressaq ebda prova li kellu xi mandat mingħand l-imsemmija oħtu biex jagħmel dan. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-konvenut jikkuntratta f'ismu, pero` għall-vantaġġ ta' din oħtu. Fix-xiehda tiegħu, il-konvenut kien ċar li kien hu li kkuntratta dan is-servizz mas-soċjeta` attriċi, u li s-soċjeta` attriċi kienet taf lilu kemm għall-komunikazzjonijiet mediċi dwar Petrina Bezzina, u anke għall-ħlasijiet. Dan it-Tribunal fehem li l-istess Petrina Bezzina kienet f'kundizzjoni medika ħażina, possibilment anke mingħajr il-kapaċita' sħiħa legali biex tikkuntratta.

L-**art. 1871** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

> **1871.** (1) Meta l-**mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu**, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-mandant.
>
> (2) Iżda, f'dan il-każ, **il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu**.

Konsegwentement, anke kieku l-konvenut kellu mandat mingħand oħtu Petrina Bezzina biex jikkuntratta dawn is-servizzi mingħand is-soċjeta` attriċi fl-interess u għan-nom tagħha, ladarba huwa aġixxa mas- soċjeta` attriċi fl-isem tiegħu innifsu mingħajr ma għarrafha b'dan il-mandat, huwa obbligat li jwieġeb għat-talba tas-soċjeta` attriċi f'din il-kawża b'mod sħiħ, daqslikieku inkarigaha fl-interess esklussiv tiegħu nnifsu.[1]

Fil-mertu, il-konvenut laqa' għat-talba tas-soċjeta` attriċi u oġġezzjona għall-ħlas mitlub għaliex oħtu Petrina Bezzina kienet kostretta titlaq mid-Dar tal-Anzjani mhux

[1] Ara fost oħrajn **MCF Limited vs Charles Buhagiar et**, Prim'Awla (*per* Imħ. Mintoff), 15.06-2016

b'għażla tagħha, imma minħabba ċirkostanzi li ma kellhiex kontroll fuqhom, u għaliex il-ħlas mitlub mhux dovut skond l-ekwita' u l-ġustizzja.

Sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni, dan it-Tribunal irid jikkunsidra jekk il-kuntratt bejn il-partijiet kienx soġġett għall-kundizzjoni li l-konvenut jagħti lis-soċjeta` attriċi avviz ta' xahar qabel it-terz interessata Petrina Bezzina tħalli din l-akkomodazzjoni, u twaqqaf is-servizzi mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi fil-Marina Palace Home. Anthony Sammut għas-soċjeta` attriċi jgħid li din il-kundizzjoni kienet miktuba fil-fatturi li s-soċjeta` attriċi bagħtet lill-konvenut għall-ħlas tas-servizzi prestati minnha. Il-konvenut jgħid li huwa qatt ma ta każ din il-kitba, u li ma jiftakarx lill-attur javżah b'din il-kundizzjoni meta kkuntratta miegħu, f'isem is-soċjeta` attriċi, għall-għoti ta' dawn is-servizzi.

Sfortunatament, u dan qed jingħad bi prospettiva u direzzjoni wkoll għal kuntrattazzjonijiet futuri tas-soċjeta` attriċi, f'dan il-każ ma hemm ebda kitba li tirregola l-għoti tas-servizzi li l-konvenut inkariga lis-soċjeta` attriċi biex tagħti lil oħtu. M'hemmx dubju li Petrina Bezzina kienet persuna vulnerabbli, kif m'hemmx dubju li servizzi bħal dawn solitament jintalbu u jiġu kuntrattati f'mumenti sensittivi ħafna, meta l-anzjan ma jibqax indipendenti, u għal raġunijiet fiżiċi jew mentali, jkollu bżonn il-kumpanija, jew l-assistenza ta' terżi għall-għixien deċenti tiegħu. Huwa ċar għalhekk li l-konsumatur ta' dawn is-servizzi, f'dan il-każ aktar mill-konsumatur normali li jixtri prodott jew servizz fil-kors ordinarju ta' ħajtu, jista' faċilment jiddaħħal f'obbliġi u piżijiet inċidentali li ma kienx jaċċetta kieku kellu jkun munit bis-saħħa li jinnegozja.

Huwa f'dan il-kuntest li l-ordinament tagħna, fil-qafas usa' tal-ordinament Ewropew, introduca leġislazzjoni li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumatur. It-Tribunal jidhirlu li, f'dan il-każ, il-konvenut jissodisfa d-definizzjoni ta' *'konsumatur'* kif stipulata fl-**art. 2** tal-<u>Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur</u> (Kap. 378) billi kkuntratta mas-soċjeta` attriċi *'għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni'* tiegħu.

B'eċċezzjoni għall-prinċipju ta' rieda ħielsa (*Teoria' della Volonta`*) li fuqu hija bbażata l-liġi tagħna tal-kuntratti, u b'implimentazzjoni tal-prinċipju tal-bwona fede (*Teoria dell'Affidamento*) prevalenti fil-liġijiet tal-kuntratti Ġermanizi u Taljani, u li segwewhom, l-**art.44** tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jipprojbixxi *'espressjonijiet mhux ġusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f'illi jkollhom bħala skop jew effett'* iċ-ċaħda tal-konsumatur minn drittijiet, jew rimedji, li kien ikollu f'kuntratt ordinarju, negozjat b'kawtela u bwona fede bejn il-partijiet.[2] Is-sanzjoni għal dawn l-espressjonijiet, jew kundizzjonijiet, hija n-nullita', *'bħalli kieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet'* (**art.44(1)**, Kap.378). F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kaz **F. Advertising Limited vs Anthony Tabone et**[3] fejn ġie puntwalizzat li l-eżami meħtieġ għall-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni huwa *'jekk fl-istipulazzjonijiet hemm indikati jeżistux profili ta' skwilibriju jew ta' pattijiet żbilanċjati u inġusti u dan tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, inkluż dawk fil-mument ta' kontratattazzjoni, inkluż l-kondizzjoni ta' inferjorita' negozjali, anke kulturali, tal-konsumatur, il-qagħda soġġettiva li jkun jinsab fiha fil-waqt tal-konkluzjoni talftehim, inkluż l-affidament li jkun għamel fuq il-kummerċjant fil-kuntest'.*

It-Tribunal iqis li l-kelmiet *'Please note that in order to terminate your stay you must inform us by at least 30 days in advance'* fil-fatturi, mingħajr din ma kienet inkluża wkoll fl-ewwel riċevuta tal-ħlas tad-depożitu rilaxxjata lll-konvenut, inkluż il-lok tal-indikazzjoni tagħha fuq l-istess fattura, id-daqs tal-kitba, u n-nuqqas ta' indikazzjoni ċara dwar il-konsegwenza kontemplata mis-soċjeta` attriċi f'każ ta' ksur ta' dik il-kundizzjoni mill-konsumatur, fid-dawl ukoll tal-fatt li t-Tribunal mhux moralment konvint li s-soċjeta` attriċi kienet avżat ċar lill-konvenut, qabel ikkuntratta magħha, b'din il-kundizzjoni[4], jagħmel din l-espressjoni *'mhux ġusta'* fit-termini tal-**art.44(1)** tal-Kap. 378, li taqa' allura fis-sanzjoni ta' invalidita` stipulata fl-istess artikolu.

[2] Ara **art. 45**, Kap. 378

[3] 04.10-2011

[4] Fix-xiehda tiegħu, Anthony Sammut jgħid vag li 'ngħidulhom illi jekk ikunu jridu joħorġu lil anzjani mid-dar iridu jagħtuna avviz ta' tletin jum' mingħajr ma qal min f'dan il-każ spjega din il-kundizzjoni lill-konvenut, ara xiehda ta' Anthony Sammut (fol.12); minnaħa 'l oħra, il-konvenut xehed li 'Ma kontx naf ma tajtx każ għax ma qrajtx dak li kien hemm miktub fol.18 tal-proċess. Ma kontx naf illi rrid ngħidilhom

Konsegwentement, it-talba tas-soċjeta` attriċi biex il-konvenut iħallasha l-prezz ta' 30 jum akkomodazzjoni mid-Dar tal-Anzjani mmexxija minnha ma tistax tintlaqa'.

Irid jingħad pero` li l-ammont mitlub b'din l-azzjoni jinkludi wkoll is-somma ta' €21 rifużjoni ta' spejjeż ta' mediċini, u viżta ta' tabib, li ħallset is-soċjeta` attriċi fl-interess ta' Petrina Bezzina. Dawn l-ispejjeż jirriżultaw pruvati mix-xiehda tal-infermiera li kienet tikkuraha, u wkoll mid-dokumentazzjoni kopjuża dwar il-kura li ingħatat Petrina Bezzina fl-istituzzjoni mmexxija mis-soċjeta` attriċi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' r-raba' eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' wieħed u għoxrin Ewro (€21).

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji taghha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**

---

xahar qabel biex inwaqqaf lil oħti … Qed jiġi suġġerit lili li meta daħħalt lil oħti oriġinarjament fil-*home* is-Sur Sammut kien qalli li jekk noħroġha rrid intihom avviż ta' xahar u ngħid li ma niftakarx (fol.52-53)